MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2012

Numru. 877/2002

**IL-PULIZIJA**

**(Supretendent Martin Sammut)**

**vs**

**John Pierre Farrugia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat John Pierre Farrugia ta' 21 sena, iben John u Josephine nee' Aquilina, imwieled nhar il-15 ta' Novembru 1980, Pieta' u residenti 25, Binja Hamrija, Flats Indipendenza, Naxxar jew 9 Flat 4, Triq il-Punent, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 73481(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’ dawn il-Gzejjer nhar it-3 ta’ Marzu 2002, gewwa Triq Sant’ Andrija, Swieqi u/jew fl-inhawi ghall-habta tal-4.30pm ;

1. B’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna il-mewt ta’ Joseph Stephen Gabriel, u dan bi ksur ta’ Artikolu 225 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ Ioulia Sadtchikova, u dan bi ksur ta’ Artikolu 221 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ Clive Ellul Hawthorn, u dan bi ksur ta’ Artikolu 221 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

4. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ Noel Busuttil, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 221 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe il-vettura IAU317 tal-ghamla Fiat BIS ghad-dannu ta’ Joseph Stephen Gabriel, u persuna ohra, u dan bi ksur ta’ Artikolu 328 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

6. B’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe il-vettura DAJ 392 tal-ghamla Seat Ibiza ghad-dannu ta’ Clive Ellul Hawthorn u persuni ohra, u persuni ohra, u dan bi ksur ta’ Artikolu 328 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

7. Saq il-vettura IAU317 minghajr ma kien kopert b’ polza ta’ assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur ta’ Artikolu 3 ta’ Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

8. Saq il-vettura IAU317 b' manjiera bla kont, traskurata u perikoluza, u dan bi ksur ta' Artikolu 15(1) (a) ta' Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Saq il-vettura IAU317 bi speed eccessiv u dan bi ksur ta' Artikolu 127 tal-MVR.

10. Saq il-vettura IAU317 fin-naha hazina tat-triq u dan bi ksur ta' Artikolu 75 tal-MVR.

Kiser ordni tal-Qorti li ma taghmilx reat iehor, b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' nhar il-20 ta' Frar 2002, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel ;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f' kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imputat John Pierre Farrugia milli jkollu jew jottjeni kull licenzja tas-sewqan skond il-ligi.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-9 ta' Dicembru 2009 (inserita a fol. 132 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(1) Fl-Artikoli 225 u 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(2) Fl-Artikoli 226 u 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(3) Fl-Artikoli 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(4) Fl-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(5) Fl-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(6) Fl-Artikolu 127 tal-Avviz Legali 128 ta' l-1994, kif emendat (L.S. 65.11) tal-Ligijiet ta' Malta ;
(7) Fl-Artikolu 75 tal-Avviz Legali 128 ta' l-1994, kif emendat (L.S. 65.11) tal-Ligijiet ta' Malta ;
(8) Fl-Artikolu 10 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, kif rez applikabbli bl-Artikolu 28 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(9) Fl-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50 u 533 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tat-18 ta' Dicembru 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta Lulju 2011 fejn gie ordnat l-isfilz tax-xhieda moghtija minn Clive Ellul Hawthorn u Ioulia Sadtchikova kif ukoll ta' kwalunkwe konkluzjoni tal-esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterjali fejn din hija bbazata fuq dak li xehdu l-imsemmija zewg xhieda u dan stante li d-Difiza ma kellhiex l-opportunita' li taghmel il-kontro-ezami tal-imsemmija zewg xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci tal-kaz odjern jirrigwardaw incident stradali li sehh fit-3 ta' Marzu 2002 ghall-habta tal-4.30pm fi Triq Sant'Andrija (Coast Road), St. Andrews, precizament vicin ic-Cimiterju ta' Pembroke, liema incident sehh bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAU 317 tal-marka Fiat 126 Bis u l-vettura tal-marka Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni DAJ 392. F'dan l-incident sfortunatament tilef hajtu Joseph Stephen Gabriel guvni ta' tmintax il-sena u sofrew griehi ta' natura hafifa Clive Ellul Hawthorn, Julia Sadtchikoba u Noel Busuttil u l-istess imputat li sofra griehi ta' natura gravi. Il-vettura bin-nurmu tar-registrazzjoni DAJ 392 kienet misjuqa minn Clive Ellul Hawthorn u fil-vettura kien hemm front seat passenger certu Julia Sadtchikoba u din il-vettura kienet gejja minn San Giljan u sejra fid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq. Il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAU 317 kienet misjuqa mill-imputat John Pierre Farrugia u l-vittma Joseph Gabriel kien front seat passenger filwaqt li Noel Busuttil kien rear seat passenger. Mill-atti tal-Inkjesta Magisterjali[1] jirrizulta li a tempo vergine l-imputat qal li ma kienx jaf jekk kienx hu li kien qed isuq il-vettura izda rrizulta wkoll li Noel Busuttil ikkonferma li fil-hin tal-incident il-vettura kienet qed tinstaq mill-imputat. Irrizulta inoltre li l-vittma Joseph Gabriel instab ghadu maqbud fil-front

[1] Process verbal ralttiv inserit a fol.  57 tal-atti processwali.

passenger seat u fil-fatt gie mahrug bhala kadavru mill-istess front passenger seat mill-membri tal-Protezzjoni Civili. Mir-rapport[2] tal-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali, il-Perit Arkitett Richard Aquilina, li n-nomina tieghu giet debitament konfermata minn din il-Qorti f'dawn il-proceduri, jirrizulta li meta l-espert acceda fuq il-post tal-incident akkompanjat mill-espert tekniku Joseph Zammit u mill-espert tat-traffiku Dr. Joseph Micallef Stafrace, fuq il-post huwa sab il-vettura Fiat Bis bin-numru tar-registrazzjoni IAU 317 f'nofs it-triq kartabun fuq il-linja medjana filwaqt li il-vettura Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni DAJ 392 kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq maqluba fuq il-gemb tal-lemin. Il-vettura IAU 317 kellha daqqa kbira fuq quddiem li kien mghaffeg il-gewwa u d-daqqa kienet l-aktar fuq in-naha tax-xellug ta' quddiem u fuq wara ma kellha ebda hsara. Fil-vettura kien ghad hemm il-kadavru ta' Joseph Gabriel. Il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAJ 392 li kienet maqluba fuq il-gemb tal-lemin kellha daqqa fuq il-faccata lejn ix-xellug, is-subframe imbewwaq u b'tahkik ileqq u z-zewg roti ta' quddiem kienu mghatna. Fil-pjanta[3] imhejjija mill-espert il-Perit Richard Aquilina hemm indikat il-posizzjoni tal-vetturi kif ukoll il-brake marks li nstabu fuq il-post, fejn instab kantun maqlugh fil-hajt u fejn instab number plate ta' vettura. L-espert tat-traffiku Joseph Micallef Stafrace fir-rapport tieghu[4] jghid li meta huwa acceda fuq il-post fil-kareggjata kien hemm brix u thaffir fl-art, b'sinjali ta' tidwir fil-parti tat-triq int u sejjer minn Bahar ic-Caghaq lejn San Giljan b'hafna debris mal-linja medjana tat-triq. Int u sejjer lejn Bahar ic-Caghaq instabu tlett qatghat ta' hgieg wara xukxin u qatgha hgieg fejn ir-rear right hand corner tal-Fait Bis. L-istess espert tat-traffiku ikkonkluda bil-mod segwenti:-

*Apparti x-xhieda ta' dawn it-tnejn (l-espert hawn qed jirreferi gahx-hieda ta' Clive Ellul Hawthorn u Ioulia Sadtchikova), fattur li jikkorroboraha hu kif id-daqqa fil-kantuniera tax-xellug, quddiem, fl-Ibiza turi li din il-car qalbet mil-proper ghar-wrong side u dan fl-agony of the*

---

[2] Rapport relattiv inserit a fol. 70 et sequitur tal-Process Verbal.
[3] Inserita a fol. 74 tal-Process verbal.
[4] Inserit a fol. 85 et sequitur tal-Process Vebal..

*collision. Fl-istess waqt, sew minhabba l-manuvra bruska kif ukoll bix-xorta ta' mpatt fuqha, l-Ibiza spiccat maqluba fuq genbha lemini.*

*Lucienne Blanche Agius (li l-ghada tal-incident hasset id-dover li tikkomunika mal-Pulizija). Din kienet f'car li mill-qalba ta' Bahar – ic-Caghaq kisret lejn il-Maghtab u qalet dan:-*

*"There was a steady stream of slow-moving traffic heading towards St. Andrews."*

*"As we approached the bend to the left after leaving the bend on the right (i.e. before reaching the Maghtab bay proper) a small car, light blue, came in our path, i.e. on its wrong side. We saw it in the bend, therefore could not have seen it long before. It was travelling at a speed much higher than that of the stream of cars mentioned by me. It passed by us, wrong side causing us to swerve towards the wall on our left side. Later on in the evening, I saw the news on TV and learned about a fatal traffic accident in St. Andrews Rd and on seeing one of the cars involved I said to my self "that is the car that made us swerve."*

*Kompliet tidentifika li f'dik il-car kien hemm tnejn quddiem u wiehed wara u s-sewwieq kien zaghzugh.*

*Noel Busuttil (rear seat passenger fil-BIS) u John Pierre Farrugia (driver tal-BIS) xehdu li ma jafux x'gara. Busuttil qal li kien isuq Farrugia ghax hu nghata lift maghhom mill-Qawra. Farrugia ma setax jghid kienx isuq hu jew le. Dan ifisser li ma nistghux ma noqghodux fuq Noel Busuttil li fil hin tal-incident il-BIS kien isuqha Farrugia. Id-decuius zgur ma kienx isuqha hu ghax hu nstab agunija (u miet fuq il-post) fil-front passenger seat maqbud minn saqajh u meta l-personnel tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili kienu ser juzaw l-ghodda biex johorguh, huma waqfu ghax lahaq miet.*

*Huma fil-fatt qalghuh iktar tard bhala kadavru, meta qorob it-tmiem tal-access.*

*Naturalment l-impatt kien kbir, ghax dan kien kaz ta' zew velocitajiet izda mhemmx prova li l-Ibiza kienet tinsaq bi speed imprudenti – dan jinghad avvolja l-fattur determinanti tal-kas kien kif John Pierre Farrugia mar wrong side, bi speed qawwi u kkaguna li skontru.*

*Ghalhekk fil-fehma tal-esponent espert tat-traffiku John Pierre Farrugia ID 73481M, fid-03.03.02 xi l-4.30pm f'S. Giljan:-*

*a. Saq car nru. IAU b'manjiera bla kont u perikoluza*
*b. Fin-naha hazina tat-triq*
*c. Bi speed eccessiv*
*d. Ikkaguna habta mal-car nru. DAJ 392 u kkagunalha hsara a skapitu ta' Cliver Ellul Hawthorn.*
*e. Saq l-istess car meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni u dana bi vjolazzjoni tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta. (ara para 17 supra).*
*f. Ikkaguna l-mewt ta' Joseph Stephen Gabriel*
*g. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Ioulia Sadtchikova*
*h. Feriti ta' natura hafifa fuq Clive Ellul Hawthorn u*
*i. Feriti ta' natura hafifa fuq Noel Busuttil*

*Fir-rigward tax-xorta ta'sewqan ta' Clive Ellul Hawthorn m'hemm xejn x'jigi censurat.*

Mir-rapport[5] tal-espert tat-toxicology Dr. Michael Sammut irrizulta li fir-rigward tal-mejjet Joseph Gabriel "The blood alchohol level was 354 mg/100ml; a level that is consistent with a person very severely under the influence of alcohol. Other drugs and medicinals (including those indicated in Document B of the report of Dr. Michael Sammut) were not found in the specimens analysed."

Mir-rapport tal-patologisti Profs. Marie Therese Camilleri u Dr. Ali Safraz irrizulta li "The cause of death of this young male is transection of the aorta following a motor vehicle accident".

---

[5] Rapport inserit a fol. 80 tal-Process Verbal.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta’ Ottubru 2011 fejn huwa spjega ll kien mar fid-drive in Bugibba bil-vettura tieghu tal-marka Toyota flimkien ma huh James Frarugia u waqt li kien hemm iltaqa’ ma shabu Joseph Gabriel u Noel Busuttil. Huwa qal ukoll li meta wasal sabiex jitilqu Gabriel hadu halli jurih il-karozza li kien ghadu kemm xtara u qallu sabiex jinzel lura mieghu. L-imputat jghid li huwa ta l-karozza tieghu lil huh u nizel ma Gabriel u Busuttil fejn ghall-ewwel beda’ jsuq Gabriel u huwa kien front seat passenger filwaqt li Busuttil kien bil-qeghda fuq wara izda mbaghad peress li Gabriel beda’ jsuq b’mod inkonsult kemm hu kif ukoll Busuttil bdew jitolbuh sabiex jieqaf halli jkompli jsuq l-imputat u meta waslu hdejn is-Salini malli qabzu l-lukanda Gabriel accetta li ma jkomplix isuq hu u halla lill-imputat isuq. L-imputat jghid li l-memorja tieghu kienet tieqaf hemm u ma jiftakar xejn dwar id-dinamika tal-incident salv li huwa qam xi jumejn wara u sab ruhu l-Isptar. Huwa qal li Gabriel kien habib kbir tieghu u kien jaghmel perijodi twal jghix id-dar tieghu minhabba l-problemi familjari li kellu u ghalhekk il-mewt tieghu kienet trawma kbira ghalih u ghadu jhoss l-effetti sal-gunata tal-llum.

Noel Busuttil li xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza tat-22 ta’ Lulju 2010 ikkorrobora l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat fejn dan qal li meta telaq minn Bugibba kien qed isuq Gabriel izda dan beda’ jsuq xejn tajjeb u huma bdew jghidulu sabiex jieqaf u mbaghad meta qabez is-Salini u wasal vicin il-Maghtab Gabriel accetta li jkompli jsuq l-imputat. Busuttil qal li f’dak l-istadju huwa hassu komdu u raqad u ghalhekk ma jaf xejn dwar id-dinamika tal-incident.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni issostni li abbazi tal-konkluzjonijiet raggunti mill-espert tat-traffiku u mill-esperti teknici Joseph Micallef Stafrace u Joseph Zammit rispettivament hija rnexxilha tipprova li l-incident awtomobilistiku mertu tal-

kawza sehh unikament tort tal-imputat John Pierre Farrugia. Minn ezami akkurat tar-rapport tal-espert tat-trafiku Dr. Joseph Micallef Stafrace il-Qorti setghat tikkonstata li huwa bbaza l-konkluzjonijiet tieghu principalment fuq ix-xhieda ta' Clive Ellul Hawthorn u Ioulia Sadtchikova fejn ghazel li jemmen il-verzjoni tal-fatti moghtijia minnhom. Kif gie rilevat aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza din il-Qorti ordnat l-isfilz tax-xhieda moghtija mill-imsemmija zewg persuni fl-Inkjesta Magisterjali kif ukoll tal-konkluzjonijiet raggunti mill-espert tat-traffiku in kwantu dawn il-konkluzjonijiet huma riferibbli ghax-xhieda ta' dawn it-tnejn. Il-Qorti ghalhekk ma haditx in konsiderazzjoni dak li kkonkluda l-espert tat-traffiku fejn il-konkluzjoni tieghu kienet ibbazata fuq dak li xehdu Clive Ellul Hawthorn u Ioulia Sadtchikova. Il-Qorti setghat tinnota li mill-pjanta imhejjija mill-Perit Richard Aquilina jirrizulta li l-impatt sehh fuq il-karreggjata tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar u sejrin lejn San Giljan u ghalhekk fuq il-kareggjata li suppost kien qed isuq fiha l-imputat. Dr. Micallef Stafrace nonostante cio' isostni li immedjatament qabel l-impatt l-imputat kein qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq u li l-vettura misjuqa minn Clive Ellul Hawthorn marret wrong sabiex tevita l-impatt mal-vettura misjuqa mill-imputat u f'dak il-mument l-imputat rega' dahal fuq sajdu u sehh l-impatt. L-espert tat-traffiku jghid li l-hsara fil-vettura ta' Ellul Hawthorn tikkorrobora din it-tezi. Din il-Qorti izda ma thossx li rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn mill-provi cirkostanzjali jirrizulta li l-impatt sehh fuq in-naha tat-triq li fiha suppost kien qed jiprocedi l-imputat u fejn ma hemm l-ebda prova ohra li tindika lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq u mhux Clive Ellul Hawthorn li effettivament kien qed isuq wrong side, ma tistghax ma jkollhiex dubju dwar min kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq qabel sehh l-impatt u ghalhekk kien il-kawza prossima tal-incident. Il-Qorti ma jidrilhiex li abbazi tal-hsarat riskontrati fil-vetturi tista' tasal ghall-konkluzjoni li Ellul Hawthorn mar wrong side biss meta ra lill-imputat jiprocedi fuq in-naha l-hazina tat-triq u li l-impatt sehh ghaliex f'dak il-mument l-imputat ukoll ghazel li jerga' jidhol fuq sajdu. Il-Qorti taqbel mad-Difiza li kien ikun aktar logiku li Ellul Hawthorn jigbed il-gewwa minflok imur

worng side jekk effettivament ra lill-imputat gej fuq sajdu. Il-Prosekuzzjoni taghti piz lix-xhieda moghtija minn Lucienne Blanche Agius fejn din qalet li rat il-vettura IAU 317 tinstaq wrong side vicin il-Maghtab. Din ix-xhud izda ma identifikatx lill-imputat bhala l-persuna li kien qed isuq il-vettura f’dak il-mument li rat il-vettura tinstaq wrong side u fi kwalunkwe kaz hemm id-dubju li meta din rat il-vettura tinstaq b’dak il-moghod l-istess vettura kienet ghadha qed tinstaq minn Gabriel kif isostni l-imputat kif korroborat minn Noel Busutttil. Il-Qorti jidrilha li jezistu dubji ragonevoli dwar liema wahda miz-zewg vetturi nvoluti fil-kollizjoni kienet qed tinstaq fuq in-naha l-hazina tat-triq qabwl ma sehh l-impatt u tenut kont ta’ dan id-dubju li ovvjament ghandu jimmilita favur l-imputat il-Qorti ma tistghax tiddikjara lill-imputat kriminalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku de quo.

Ikkunsidrat :

Illi l-unika imputazzjoni li tista’ titqies bhala pruvata sal-grad rikjest mill-ligi hija s-seba’ imputazzjoni fejn l-imputat qed jigi akkuzat li saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAU 317 minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni. Mir-rapport tal-espert tat-traffiku Dr. Joseph Micallef Stafrace jirrizulta li l-polza tal-assikurazzjoni mahruga fuq il-vettura kienet tkopri biss lil omm id-decujus bl-endorsement li l-vettura setghat ukoll tinstaq mill-istess decujus. Dan ifisser li l-vettura ma setghatx tinstaq minn ebda sewwieq iehor u tkun koperta bil-polza tal-assikurazzjoni. L-imputat inoltre naqas milli jgib il-prova relattiva li l-vettura effettivament kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni li kienet tippermettilu li jsuqha skond kif inhuwa obbligat li jaghmel ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu tad-9 ta’ Dicembru 2009 u senjatament l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tas-seba’(7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u tiskwalifikah milli jzomm

jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax(12)-il xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------